**Bord li Jirregola l-Kera**
**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**
Chairperson

Rikors Nru: 1066/2021 LC

**Angelo Cassar (K.I. 312444M)**
**Paul Cassar (K.I. 247247M)**
**Grezzju Cassar (K.I. 991345M)**
**Mary Rose Cassar (K.I. 35361M)**
**Jane Busuttil (K.I. 80662M)**
**Maria Rosaria Zarb (K.I. 877248M)**
**Carmena Cassar (K.I. 395137M) li B'digriet tal-24 ta' Ottubru 2022 ġiet estromessa mill-proċeduri.**

*vs*

**David Bianco (K.I. 71457M)**
**Georgia Bianco (K.I. 44965M)**
**Nigel Bianco (K.I. 174387M)**
**Clifford Bianco (K.I. 433290M)**
**u**
**l-Awtorità tad-Djar**

**Illum, 28 ta' Ottubru, 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Angelo Cassar, Paul Cassar, Grezzju Cassar, Mary Rose Cassar, Jane Busuttil, Maria Rosaria Zarb u *omissis* fejn,

għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fond bin-numru 81, "Brother's Flat", appartament numru 2, Triq il-Vitorja, Qormi, ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Jordna li jitwettaq it-Test tal-Mezzi tal-inkwilini li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kiri (Kriterji tat-Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwilini bejn l-1 ta' Jannar tas-sena 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, u fuq il-kapital tal-inkwilini fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2020.

III. Jiddikkjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, għall-ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond bin-numru 81, "Brother's Flat", appartament numru 2, Triq il-Vitorja, Qormi, fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas, jekk l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-intimati jiġu permessi żmien ta' sentejn sabiex il-fond jiġi vakat, oltrè li jħallsu kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li għandu jiġi determinat minn dan il-Bord skont l-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

IV. Jordna, f’każ illi l-intimati Bianco ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimati fi żmien sentejn (2) mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimati datata l-11 ta’ Marzu 2022 fejn sommarjament eċċepew fost l-oħrajn illi: (i) huma jikkonfermaw li huma l-inkwilini tal-fond *de quo*; (ii) huma għandhom mezzi limitati ħafna u għandhom igawdu mill-protezzjoni tal-liġi; (iii) il-Bord, fid-deliberazzjonijiet tiegħu, għandu jieħu in konsiderazzjoni l-introjtu limitat tal-intimati;

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tat-08 ta’ Frar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) r-rikorrenti għandhom iressqu jipprova it-titolu tagħhom u li huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) l-atturi għandhom iressqu d-dikkjarazzjoni *causa mortis* tad-defunt Martin Cassar; (iii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta’ Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f’każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f’ammont ta’ mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tal-20 ta’ Jannar, 2022, l-intimati wettqu t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Hector Zammit u l-Perit Elena Borg Costanzi ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex sidien il-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mit-testment datat it-22 ta' Ottubru 1973 redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius[1], missier ir-rikorrenti,[2] senjatament Martin Cassar, istitwixxa lil uliedu hemm indikati bħala eredi universali tiegħu. L-imsemmi Martin Cassar ġie nieqes fis-26 ta' Settembru 1998[3] u l-propjetà *de quo* ġiet dikjarata fid-Denunzja ta' Propjetà Taxxabbli fit-2 ta' Diċembru 1988.[4] Illi wieħed minn ulied l-imsemmi Martin Cassar, senjatament Emmanuele Cassar ġie

[1] Ara dok D a fol,19 tal-atti proċesswali.
[2] Ara l-Affidavit ta' Paul Cassar a fol. 56 tal-atti proċesswali.
[3] Ara dok "B" a fol. 14 tal-atti proċesswali.
[4] Ara fol. 82 tal-atti proċesswali.

nieqes fid-9 ta' April 1992[5] u l-wirt tiegħu ddevolva fuq uliedu Mary Rose Cassar u Jane Busuttil stante li miet *ab intestato*.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-atti appena msemmija, u għalhekk abbażi tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.

Ikkonsidra;

Illi ir-rikorrenti ppreżentaw mar-rikors promotur numru ta' riċevuti ta' kera għall-fond *de quo*.[6] Illi Paul Cassar, fl-affidavit tiegħu, jistqarr illi f'xi żmien qabel l-1995, huma kienu krew il-fond de quo lill-intimati David Bianco u Giorgia Bianco. Da parti tagħom, l-intimati jikkonfermaw fir-risposta tagħhom illi huma l-inkwilini ta' dan il-fond.

Illi fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet reċiproċi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati huma effettivament l-inkiwlini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimati David Bianco u Georgia Bianco ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(5) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(4) tar-Regolamenti msemmija.

---

[5] Ara Dok "E" a fol. 23 tal-atti proċesswali.
[6] Ara dok "A" a fol. 5 tal-atti proċesswali.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati David Bianco u Georgia Bianco **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **<u>jissodisfaw</u>** il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament fl-ewwel sular bl-arja tiegħu sovrastanti propjetà ta' terzi persuni u aċċessibbli minn komun li fiħ taraġ biss. Hemm appartament ieħor ta' terzi fil-livell tal-appartament *de quo*. L-istruttura tal-fond tidher fi stat tajjeb. Il-finituri huma fi stat tajjeb ukoll.

Illi l-periti tal-Bord, wara li bbażaw il-valutazzjoni tagħhom skond il-metodoloġija rakkomandata mill-kamra tal-periti "Valuation Standards for Accredited Valuers" tal-2012 kif ukoll wara li ħadu konjizzjoni tal-proċess odjern u kkonsidraw (i) it-tip u d-daqs tal-fond in kwistjoni; (ii) l-istat ta' manutenzjoni u l-finituri; (iii) il-lok fejn jinstab il-fond; (iv) propjetajiet simili fis-suq; huma tal-fehma li l-valur tas-suq liberu u frank huwa ta' ċirka mija u tmenin elf Ewro (€180,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[7]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef u sitt mitt Ewro (€3,600) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fond bin-numru 81, "Brother's Flat", appartament numru 2, Triq il-Vitorja, Qormi,.

[7] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jilqa’ t-tielet talba u jordna illi kera tal-fond bin-numru 81, “Brother’s Flat”, appartament numru 2, Triq il-Vitorja, Qormi, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta’ 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli għall-ammont ta’ tlett’ elef u sitt mitt Ewro (€3,600) fis-sena, u jordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b’effett mil-lum bħala d-data tas-sentenza.

4. Jiċħad ir-raba’ talba stante li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi;

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**